# QORTI CIVILI
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMHALLEF ROBERT G. MANGION

**Illum 5 ta' April 2018**

Rikors Numru 278/17RGM

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru 71/2017 fl-ismijiet:-**

**Emiliya Valcheva Gatt**

**vs**

**Clinton Gatt**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Clinton Gatt ipprezentat fit-28 ta' Dicembru 2017 fejn huwa talab ir-revoka, a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 836(1)(c) u/jew (e) tal- Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 71/2017 fl-ismijiet **Emiliya Valcheva Gatt vs Clinton Gatt** mahrug kontra tieghu fuq talba tal-istess Emiliya Valcheva Gatt, l-intimata f'dawn il-proceduri; qed jitlob ukoll b'mod sussidjarju ir-revoka tal-Mandat safejn jolqot id-dhul tieghu mill-impieg mal-kumpanija Bilom Tiles and Décor Limited; u jitlob ukoll sabiex il-Qorti bl-applikazzjoni tal-Artikolu 836(8) u (9) tal-istess Kapitolu 12 tikkundanna lill-intimata sabiex thallas dawk il-penali u/jew danni mahsub fl-imsemmija subincizi.

Fir-rikors promotur ir-rikorrent jimmotiva t-talbiet tieghu bil-mod segwenti:-

***"(a) L-ezistenza ta' garanzija xierqa ohra biex taghmel tajjeb ghall-pretensjoni ta' min talab il-hrug tal-mandat (Artikolu 836(1)(c))***

*"Illi l-intimata ezekutanti talbet u kisbet il-hrug ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju kontra l-esponent ghas-somma ta' erbghin elf Ewro (€40,000) liema somma, bhala kawzali tal-istess Mandat tirrapprezenta "sehem ir-rikorrenti mill-komunjoni tal-akkwisti".*

*Illi l-esponent jirrilerva li l-fond matrimonjali huwa proprjeta` parafernali tieghu u ghaldaqstant minghajr ebda pregudizzju ghal kull prova li l-intimata ghandha tressaq fil-kawza ta' separazzjoni l-assi formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti jikkonsisti biss fi ftit ghamara li tinsab fil-fond parafernali tal-esponent u vettura wahda u cioe` Toyota Auris bin-numru ta' registrazzjoni LCP 748 li tinsab registrata fuq isem Emiliya Valcheva Gatt u tinsab fil-pussess taghha stess.*

*Illi fid-dawl tal-fatt li d-dar rnatrimonjali tal-partijiet hija proprjeta'esklussiva ta'1-esponent l-istess proprjeta' tista' taghmel tajjeb ghal kwalsiasi krerditu li jista' jkollha Emiliya Valcheva Gatt pernrezz ta' decizjoni fil-mertu moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja).*

*F'dan ir-rigward issir riferenza ghar-rikors ta' revoka bin-numru 45/2014 deciz fis-seduta tal-21 ta' April 2014 (per. Onor. Imhallef J.R. Micallef) fl-ismijiet Rebecca Tiscio fejn il-Qorti rriteniet is-segwenti:*

*"Illi biex jista' jinghad li tezisti garanzija xierqa ohra li taghmel tajjeb ghall-pretensjoni ta' min talab il-hrug tal-Mandat ghall-finijiet tal-Artikolu 836(1)(c) tal-Kodici, irid jintwera li tali garanzija trid tkun tinsab fi hdan l-istess persuna ezekutata, u dan, generalment, minn stharrig tal-gid li hija jista' jkollha, ukoll jekk Kreditu li jista' jkun dovut lill-persuna ezekutata minn terza persuna ma jammontax bhala garanzija adegwata fil-konfront ta' intimat ezekutat iehor. Izda, min naha ohra, l-biza' li l-gid alternattiv li jitressaq bhala garanzija jista' jintuza mid-debitur ezekutat biex jiggarantixxi xi obbligazzjoni ohra m'ghandhiex, wahedha, sservi biex tirrendi dak il-gid bhala mhux xieraq bhala garanzija alternattiva ghall-pretensjoni tal-ezekutant. Wara kollox, il-Qorti tista' dejjem torbot lil min iressaq il-garanzija alternattiva xierqa biex ma jaghmel xejn dwar dak il-gid li bija jista' jnaqqas jew ixellef is-sahha ta' dik il-garanzija."*

*Illi fil-kaz odjern ma hemmx dubju li tali garanzija li qed isemmi l-esponent tifforma parti mill-assi tal-esponent wahdu u mhux kreditu dovut lilu minn terza persuna u lanqas gid formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Il-garanzija alternattiva tappartjeni kompletament lill-esponent u ghaldaqstant il-proprjeta' parafernali tal-esponent tikkostitwixxi garanzija xierqa ohra biex taghmel tajjeb, ghall-pretensjoni ta' Emiliya Valcheva Gatt.*

*Illi din il-proprjeta' parafernali tal-esponent ghandha valur ta' cirka mija u tmenin elf Ewro (€180,000) u ghalhekk ma hemmx dubju li l-garanzija xierqa konsistenti 1-proprjeta' immobbli tikkawtela l-ammont kollu mitlub minn Emiliya Valcheva Gatt fil-mandat ta' sekwestru. Illi in oltre ma hemmx dubju li tali garanzija hija "wahda soda, cara u realizzabbli lill-ezekutant"*

*Illi l-unika ipoteka gravanti din il-proprjeta' hija dik tal-Bank of Valletta plc stante li l-esponent fadallu jhallas il-bank cirka tmenin elf Ewro (€80,000) fuq l-istess proprjeta`. Apparti minn hekk ma hemm l-ebda piz iehor gravanti din il-proprjeta'.*

*Illi ghaldaqstant hemm assi x'jaghmlu tajjeb ghal pretensjoni ta' mart l-esponent u a bazi ta' din il-kawzali l-mandat odjern ghandu jigi revokat.*

*a) Jekk il-garanzija moghtija titqies mill-qorti li tkun bizzejjed (Artikolu 836(1)(e)*

*Illi din il-kawzali torbot mal-kawzali precedenti u cioe' dik ta' paragrafu (c) tal-Artikolu 836(1). Fil-fatt l-esponent isostni li l-garanzija li qieghed joffri lill-martu jista` bizzejjed biex jaghtiha garanzija tajba dwar il-pretensjoni taghha kontrih.*

*Illi kif intqal diga' d-dar matrimonjali li hija proprjeta' parafernali tal-esponent ghandha valur ta' cirka €180,000 u ghalhekk ma hemmx dubju li din il-garanzija hija bizzejjed biex tkopri eventwali decizjoni fil-mertu lejn Emiliya Valcheva Gatt tista' tigi dikjarata kreditrici ta' l-esponent f'somma ta' mhux aktar minn €40,000.*

*b) Rigward id-dhul tal-esponent*

*Illi jidher car daqs il-kristall li dan il-mandat gie intavolat vessatorjament u dan qed jinghad ghaliex mart l-esponent, elenkat bhala wahda mis-sekwestratarji tal-mandat il-kumpanija Bilom Tiles & Decor Ltd liema kumpanija timpjega lill-esponent.*

*Illi ghalhekk minghajr pregudizzju ghas-suespost, fl-eventwalita' li dina l-Onorabbli Qorti ma thassarx il-mandat ta' sekwestru odjern a bazi ta' wahda mill-kawzali hawn fuq elenkati l-esponent jitlob; li l-mandat jithassar sa fejn jirrigwarda d-dhul tieghu mill-impjieg.*

*Illi kif rriteniet ben tajjeb il-Qorti fir-rikors ta' revoka bin-numru 45/2014 deciz fis-seduta tas-27 ta' April 2014, (per. Onor. Imhallef J.R. Micallef) fl-ismijiet Rebecca Tiscio vs Robert Tiscio: "... bhala regola, il-ligi taghraf li ma jistax jinhareg Mandat ta' Sekwestru fuq is-salarju jew il-paga ta' persuna."*

*Illi fil-fatt l-Artikolu 381 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula li ma jistghux jinhargu l-mandati ta' sekwestru fuq "a) salarju jew paga (maghdudin il-bonus, allowances, overtime u hlasijiet ohra)".*

*Illi ghaldaqstant mart l-esponent abbuzat mid-drittijiiet taghha bil-Ligi u dan juri bic-car kemm fil-fatt il-mandat odjern sar vessatorjament. Dan aktar u aktar meta l-esponent qieghed jghaddi lill-martu s-somma ta' mitejn Ewro (€200) fix-xahar bhala manteniment ghal bintu minuri.*

*Illi l-fatt li Emiliya Valcheva Gatt elenkat bhala sekwestratarja l-kumpanija timpjega l-esponent ghamlitha mhux difficli imma impossibbli ghalih li jikkontribwixxi lejn il-bzonnijiet ta' bintu minuri.*

*Illi inoltre, u strettament minghajr pregudizzju ghas-suespost jinghad li s-somma ta' sitt mija u tmienja u disghin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€698.81) kif kontemplata fl-artikolu 382 mhijiex bizzejjed sabiex l-esponent jghajjex lilu nnifsu u jikkontribwixxi s-somma ta' €200 bhala manteniment ghal bintu minuri u hallas ir-ripagamenti dovuti lill-bank kreditur in konnessjoni mal-fond parafernali tieghu.*

*Illi ghalhekk permezz ta' dan ir-rikors l-esponent qieghed ukoll ai termini ta' l-ewwel proviso tal-Artikolu 382(1) jirrileva illi huwa ghandu bzonn l-eccess fis-salarju jew paga tieghu li jeccedi s-somma ta' sitt mija u tmienja u disghin Ewro u wiehed tmenin centezmu (€698.81) fix-xahar senjatament sabiex ikun jista' jghaddi lill-martu l-mantentiment ghal binthom minuri. Illi l-esponent ghad fadallu wkoll ihallas ir-rimanenti loan fuq id-dar matrimonjali u ghalhekk huwa bzonn l-eccess fis-salarju tieghu anki sabiex jghajjex lilu nnifsu, ghall-manteniment tieghu.*

*Illi ghaldaqstant l-esponent jirrileva li dina l-Qorti ghandha thassar il-mandat ta' sekwestru dwar dak l-eccess, sabiex b'hekk l-imsemmi mandat jitqies li jkun u li kien minghajr effett u b'hekk jigi revokat safejn jimpingi fuq id-dhul tal-esponent.*

*c) Hlas ta' penali jew danni*

*Illi m'hemmx dubju li mart l-esponent agixxiet b'imprudenza b'negligenza u minghajr il-hsieb ta' bonus paterfamilias, b'mod partikolari meta indikat lill-principal teighu bhala wiehed mis-sekwestratarji, meta f'dan ir-rigward il-ligi hija cara.*

*Illi wkoll jirrizulta li l-mandat odjern huwa eccessiv, fieragh u anki vessatorju. Kif jghid l-awtur Baudry-Lacantinerie li min jagixxi in mala fede jew minhabba zball grossolan jigi kkundannat ihallas danni lill-avversarj u tieghu.*

*Illi l-intenzjonijiet ta' mart l-esponent huma ovvji tant li hija intavolat kull rikors u kull mandat possibli kontra l-esponent sabiex hija taghmel mezz li ssallbu fil-veru sens tal-kelma. Illi ma hemmx dubju li Emiliya Valcheva Gatt ma agixxiet bhala bonus paterfamilias tant li hija ma harsitx lejn l-interessi supremi ta' bintha meta hija ddecidiet li telenka bhala sekwestratarja l-kumpanija li timpjega lil1-esponent.*

*Illi ghalhekk l-esponent qed jaghmel ukoll talba ghal hlas ta' danni u/jew penali ai termini tal-artikolu 836(3) u (9) stante li tali mandat ta' sekwestru sar vessatorjament ghaliex hemm assi x'jaghmlu tajjeb ghal pretensjoni ta' Emiliya Valcheva Gatt u dan bla pregudizzju ghal dak li qed jikkontendi l-esponent u cioe' li tali ammont huwa eccessiv."*

Rat id-digriet taghha moghtija fl-udjenza tal-25 ta' Jannar 2018 fejn tat lill-intimata Emiliya Valcheva Gatt ghaxart ijiem utili biex tipprezenta r-risposta taghha;

Rat ir-risposta pprezentata mill-intimata fit-2 ta' Frar 2018, fejn hija opponiet ghat-talbiet tar-rikorrent ghar-revoka totali jew parzjali tal-Mandat ta' Sekwestru kif ukoll ghall-impozizzjoni ta' danni jew penali kif mitlub fir-rikors promotur, u dan ghas-segwenti ragunijiet:-

*"Illi fl-ewwel lok tirrileva li minkejja li permezz tad-digriet datat it-12 ta' Jannar 2018 l-esponenti inghatat 7 ijiem ghall-prezentata tar-risposta taghha ghar-rikors; odjern, fl-udjenza tal-25 ta' Jannar 2018 l-istess esponenti inghatat 10 ijiem utili mill-istess data tal-udjenza u cioe' l-25 ta' Jannar 2018 sabiex tintavola r-risposta odjerna;*

*Illi fuq linja preliminari wkoll jinghad li minkejja li r-rikorrent hu konxju mill-fatt li martu m'hijiex Maltija u ma tifhimx bil-lingwa Maltija, ghal darb' ohra u b'mod konsistenti relghet giet notifikata b'atti bil-lingwa Maltija meta din l-Onorabbli Qorti, anke fil-kawza ta' separazzjoni fl-ismijiet premessi u li hija preseduta minn din l-istess Onorabbli Qorti diga' ordnat il-prosegwiment tal-kawza bil-lingwa Ingliza. Jigi umilmant sottomess li dan qieghed isir b'mod kontinwu sabiex ir-rikorrent ikompli bil-pika estrema tieghu u sabiex juriha u jipprova jintimidaha li f'pajjizu ghandu xi drittijiet aktar minnha. Naturalment ghal finijiet ta' pratticita', l-esponenti qieghda tintavola r-risposta odjerna bil-lingwa Maltija pero' tirriserva li taghmel talba ad hoc anke seduta stante waqt is-smiegh tal-istess*

*rikors sabiex minn issa'l quddiem il-proceduri jinstemghu u jkunu bil-lingwa Ingliza sabiex l-esponenti tkun tista'ssegwi ahjar;*

*Illi l-esponenti topponi bil-qawwi ghat-talbiet hekk kif dedotti mir-rikorrent Clinton Gatt u dan ghas-segwenti ragunijiet:*

*Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li r-rikorrent jiddikjara li qieghed jitlob biss li tigi rilaxxata l-paga tieghu minn ma' Bilom Tiles and Decor Limited ghal raguni wahda u cioe'ghaliex dan hu l-uniku ammont ufficjali u li jidher bhala introjtu tal-istess rikorrent u ghalhekk jaf li m'hernm ebda mod iehor sabiex jevita l-effetti tal-istess mandat ta' sekwestru;*

*Illi dan qieghed jinghad ghaliex minkejja li l-istess rikorrent huwa l-proprjetarju ta' hanut gewwa Hal Tarxien bl-isem ta' "Bugs Bunny" jallega li ma jircievi ebda kera mill-istess hanut meta fil-verita' l-istess; rikorrent ghall-inqas sal-1 ta' Frar 2017 kien ghadu jircievi introjtu tajjeb mill-kera tal-istess hanut - tali kirja naturalment ma kinitx tidher u issa li hemm tali mandat in vigore ghalaq il-hanut biex jevita li jigi milqut mill-mandat ta' sekwestru. Dan ifisser li jekk din l-Onorabbli Qorti tilqa't-talbiet tar-rikorrent, l-istess rikorrent jerfa' jiftah il-hanut imsemmi u jkompli jdahhal il-kera minnu b'mod esklussiv ghalkemm tali kera tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti. Ghal kull buon fini qed tigi anness ricevuta mahruga mill-istess hanut fi Frar 2017 li turi li ghall-anqas sa dak iz-zmien, tali hanut kien ghadu miftuh;*

*Illi l-istess rikorrent, minkejja li jiddikjara li ma jistax jghaddi bl-ammont ta' €698.81 fix-xahar (meta fil-verita' ghandu wkoll il-kirja tal-hanut b'dan li naturalment il-kirja ta' post kummercjali ghandha valur tajjeb specjalment fis-suq prezenti) jinsa jsemmi wkoll il-fatt li ghandu impjieg iehor u cirka dak ta' bouncer part-time li wkoll ma jidhirx u huwa impjieg li jista' jissejjah mhux ufficcjali u ghalhekk zgur li l-istess rikorrent, fl-ahhar tax-xahar qieghed ikollu f'idejh aktar minn bizzejjed biex jghajjex lilu nnifsu;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent jargumenta wkoll li l-esponenti ghandha garanzija bizzejjed ghall-kawzali taghha u ghall-bazi tal-mandat ta' sekwestru odjern peress li d-dar matrimonjali hija proprjeta' parafernali tieghu. Li ma jghidx l-istess rikorrent huwa l-fatt li fuq tali proprjeta' m'hemm ebda mandat t'inibizzjoni biex ma tibieghx jew li b'xi mod ikun hemm xi trasferiment ta' kwalunkwe xorta fuq l-istess. Barra minn hekk, tali proprjeta' m'hijiex wahda hielsa minn garanziji u ipoteki u ghalhekk fil-verita' ma tista' toffri ebda garanzija siewja ghall-pretensjoni tal-esponenti ghaliex fuq l-istess proprjeta' hemm id-dejn mal-Bank (kif jikkonferma stess ir-rikorrent f'pagna 4 taht il-paragrafu (c) u ghalhekk l-istess imsemmija proprjeta' fil-verita' ma toffri*

*ebda solljev u / jew garanzija ghall-istess esponenti. Anzi fil-verita' turi kemm tali mandat ta' sekwestru ghandu jibqa' in vigore ghaliex f'kaz li ma jibqax l-esponenti m'hu ser ikollha ebda mod ta' kif jithallas dak li hu verament dovut lilha. Wiehed ma jridx jinsa li s'issa, mis-somma pretiza kull ma ghadha giet depozitata hija s-somma ta'circa €1900 u ghalhekk ghad hemm diskrepanza kbira bejn l-ammont pretiz u l-ammonti depozitati l-Qorti jew xi garanzija li tista' taghtiha serhan il-mohh. Sakemm finalment jigi depozitat l-ammont pretiz (b'din ir-rata ta' cedoli ta' depoziti daqshekk zghar), il-kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partiijiet ha tkun ilha deciza u huwa proprrju ghalhekk ukoll li hemm in-necessita' li tali mandat ta' sekwestru ghandu jibqa' fis-sehh;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, minkejja li r-rikorrent isemmi l-proprjeta' parafernali tieghu u cioe' d-dar matrimonjali bhala garanzija potenzjali ghall-pretenzjoni tal-esponenti, fil-verita' fl-istess imsemmi rikors ma jsemmix li hu lest li jaghmel xi forma ta' ipoteka fuq l-istess proprjeta' u dan naturalment ghaliex dan mhux possibbli proprju minhabba l-Bank li ghandu l-ewwel ranking fuq l-istess proprjeta'u ghalhekk kwalunkwe referenza ghall-istess proprjeta' hija fiergha u intiza biss sabiex tipprova tohloq konfuzjoni jew dubju dwar in-necessita' tal-istess mandat u xejn aktar. Fil-fatt, mill-qari tal-istess rikors jirrizulta li hemm ipoteka fuq l-istess proprjeta' u li ghad hemm dejn ta' €80,000. Naturalment tali dejn mhux ser jithallas f'daqqa t'ghajn u ghalhekk anke in vista tal-ammont dikjarat li ghad fadal dejn fuq l-istess propjeta' din l-Onorabbli Qorti, fl-umli opinjoni tal-esponenti ghandha wkoll tasal ghall-konkluzzjoni li tali proprjeta' fil-verita' ma tista' toffri ebda garanzija effettiva ghaliha u ghall-pretensjoni taghha. Dan fisser li kuntrarjament ghal dak li jsostni r-rikorrent, din l-imsemmija proprjeta' zgur li ma toffri ebda garanzija li tista'tigi kunsidrata bhala "wahda soda, cara u realizzabbli lill-ezekutant kif qed jipprova jargumenta l-istess rikorrent;*

*Illi in konnessjoni mal-istess imsemmija proprjeta' jrid jinghad li huwa verament ironiku kif f'nifs wiehed ir-rikorrent jikkontendi li qieghed joffri garanzija adegwata ghal tali pretensjoni u fl-istess nifs jikkonferma li ghad fadal dejn ta' €80,000 fuq l-istess proprjeta'u li naturalment tali proprjeta' hija marbuta mal-Bank. Kif l-istess rikorrenti jippretendi li din l-Onorabbli Qorti ghandha tqis tali proprjeta' bhala garanzija li hi bizzejjed ai termini tal-Artikolu 836(1)(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta huwa inkoncepibbli ghaliex ir-rikorrent stess qieghed jammetti li l-Bank ghandu ipoteka favurih u li naturalment qabel jithallas tali dejn flimkien mal-interessi kollha tali ipoteka mhux ser tigi kancellata. Ghalhekk, l-allegata garanzija m'hija xejn hlief ipotezi u garanzija fittizja ghaliex fil-verita l-istess proprjeta' hija diga' marbuta mal-Bank u qabel ma tkun libera ma tista' qatt tkun il-bazi ta' garanzija adegwata ghaliha;*

*Illi l-istess rikorrent diga' nehha kull ammont li seta' kellu mill-kontijiet bankarji u ghalhekk hu konxju mill-fatt li l-ebda mandat ta' sekwestru m'hu ser jaghmillu effett - hlief naturalment fuq wahda mill-pagi tieghu li hija l-unika paga ufficcjali li ghandu. Dan ghaliex l-introjtu tieghu bhala bouncer ma jidhirx u ghalhekk ma jistax jinqabad permezz tal-mandat odjern;*

*Illi permezz tal-paragrafu bl-ittra (c) bit-titolu 'Rigward id-Dhul tal-esponent' ir-rikorrent jissottometti li l-mandat odjern gie intavolat vessatorjament u dan proprju ghaliex "mart l-esponent elenkat bhala wahda mis-sekwestratarji tal-mandat il-kumpanija Bilom Tiles & Decor Ltd liema kumpanija timpjega lill-esponent" minghajr ma tkompli telabora kif tali sekwestratarju jista' qatt jigi interpretat bhala vessatorju meta huwa proprju l-uniku sekwerstratarju li qieghed jiddepozita xi ammonti - minkejja zghar permezz tal-mandat odjern. Li kieku l-kumpanija msemmija ma kinitx timpjega lir-rikorrent jew ma kellha ebda ness mieghu, hemmhekk iva wiehed forsi seta' jipprova jargumenta li l-istess kumpanija giet indikata bhala sekwestratarja vessatorjament imma dan certament ma jistax ikun il-kaz fuq kumpanija li thaddem lir-rikorrent;*

*Illi mbaghad l-istess rikorrent jipprova jargumenta li l-ligi rna tippermettix mandat ta' sekwestru fuq salarju jew paga ai termini tal-Artikolu 381 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Li ma jsemmix ir-rikorrenti huwa pero' l-Artikolu 382(1) tal-istess Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:*

*"Fil-kaz ta' salarju, pagi, beneficcju, pensjoni jew allowance imsemmija fl-artikoli 381(1)(a) u (b), hlief ghal kull beneficcju, pensjoni, allowance jew ghajnuna msemmija fl-Att dwar is-Sigurta` Socjali, mela dawk jeccedu sitt mija u tmienja u disghin euro u wiehed u tmenin centezmu (698.81) fix-xahar jew dik is-somma li l-Ministru responsobbli ghall-gustizzja jista' minn zmien ghal zmien b'ordni jistabbilixxi, il-hrug ta' mandat ta' sekwestru ikun jghodd fuq dik il-parti li teccedi l-ammont imsemmi qabel"*

*Fil-fatt, ir-rikorrent certament qieghed jippercepixxi l-ammont ta' €698.81 u dan kif jikkonferma l-istess rikorrent fir-rikors odjern u ghalhekk certament m'hemm xejn irregolari fl-istess mandat ta' sekwestru odjern u ghalhekk certament ma jistax jinghad li tali mandat hu vessatorju ghaliex huwa proprju konformi mal-ligi.*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u bhala risposta ghall-argument li tali ammont m'huwiex bizzejjed ghar-rikorrent sabiex jghajjex lilu nnifsu u lil bintu, jigi rilevat is-segwenti:*

*i. Illi fl-ewwel lok mhux minnu li r-rikorrent qieghed idahhal biss is-somma ta' €698.81. minhabba l-mandat odjern ghaliex kif diga' inghad, hemm dhul ukoll mix-xoghol tieghu bhala bouncer li ma jidhirx u ghandu l-possibililta' ta' kirja tal-proprjeta' tieghu u cioe' l-hanut gewwa Hal Tarxien li ghandu u li ghalaq konvenjentement fis-sena 2017 hekk kif bdew il-proceduri ta' separazzjoni bejn il-partijiet. Xejn ma jwaqqaf lir-rikorrent biex jerga' jiftah tali hanut u jkollu introjtu aktar pero' naturalrnent ir-rikorrent ma jridx jaghmel dan proprju minhabba l-mandat odjern u hu ghalhekk li qed jintavola r-rikors odjern sabiex jekk din l-Onorabbli Qorti tilqa' l-istess talbiet tieghu, ikun jista' liberament idahhal tal-kirja wahdu a skapitu tal-esponenti;*

*ii. Illi fit-tieni lok anke li kieku wiehed kellu jargurmenta li fil-verita', l-introjtu tar-rikorrent prezenti (minhabba l-mandat odjern) huwa dak ta' €698.81 (ghalkemm dan certament mhux il-kaz kif diga' gie accennat aktar 'il fuq), l-ammont ta' €698.81 huwa stabbilit mil-ligi u ghalhekk m'hemm ebda argument li r-rikorrent jista' jressaq dwar tali ammont - dan hu stabbilit mil-ligi u sakemm ma jinbidilx bl-istess ligi, m'hemm xejn li jista' jsir dwar l-istess ammont bhala ammont minimu li ma jistax jinqabad b'mandat ta' sekwestru;*

*iii. Illi fit-tielet lok, anke li kieku wiehed kellu jargumenta li fil-verita', l-introjtu tar-rikorrent prezenti (minhabba l-mandat odjern) huwa dak ta' €698.81 il-hlas ta' manteniment ghal bintu certament mhux bazi tajba u legali sabiex tali mandat ta' sekwestru jigi revokat u dan stante li kif dejjem qieset din l-Onorabbli Qorti, anke persuna li ma jahdimx jew li jghix fuq il-beneficcji socjali ghandha d-dover sagrosant li jmantni lil uliedu. Ta' min jghid li r-rikorrent qieghed jaghmel dan il-kjass kollu fuq is-somma ta' €200 fix-xahar manteniment bhal li kieku tali arnmont huwa xi ammont fenomenali meta fil-verita' huwa ammont li jirrapprezenta l-minimu ta' manteniment stabbilit bi prassi minn din l-istess Onorabbli Qorti u jkun dovut anke minn persuni li lanqas biss ghandhom introjtu jew jahdmu ahseb u ara minn missier li ghandu tifla wahda, li ghandu 2 impjiegi (li wiehed minnhom ma jidhirx) u sa' Frar 2017 kien ghad kellu introjtu ta' kirja ta' hanut li issa konvenjentement ghalaq proprju minhabba l-mandat odjern u l-proceduri ta' separazzjoni bejn l-istess partijiet;*

*Illi l-esponenti tirrileva li ssibha pjuttost ironika li r-rikorrent jishaq li ma jistax jghaddi bl-ammont ta' €698.81 fix-xahar li qed jiddallu mill-paga tieghu minn ma' Bilom Tiles and Decor Limited meta fl-istess nifs jaghmel kuntatt ta' escorts u / jew prostituti u jitlobhom taghrif dwar ir-rati taghhom ghaliex fil-verita' persuna li ma tistax taffordja li tghajjex lilha nnifisha lanqas biss jghaddilha minn mohhh li tahli flus fuq erotic massage jew ghal xi siegha ma' prostituta jew escort. Tali hsibijiet pero' jidhlu f'mohh l-intimat u naturalment dawn juru mhux biss l-interess tar-rikorrent fil-prostituzzjoni u l-uzu tal-escorts u massages erotici izda*

*fuq kollox juru li hu lest li jhallas ghal tali servizzi. Oltre minn persuna li ma tiflahx tghajjex lilha nnifisha bl-akbar rispett jinghad li l-esponenti m'ghandhiex tigi pregudikata minhabba l-kapricci tal-istess rikorrent u dan qieghed jinghad anke abbazi tat-Talba ta' Revoka ta' Mandat ta' Sekwestru fl-ismijiet Kai Christian Erich Bordel vs Anika De Vilera deciz fid-29 ta' Novembru 2016 fejn l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili sostniet li "L-ghazliet stravaganti taghha m'ghandhomx jippregudikaw lill-kreditur taghha. Il-Qorti tinnota wkoll illi hija ma tichadx id-debitu taghha lejn is-sekwestant. Hija ma gabet lil din il-Qorti ebda raguni valida li twassalha biex takkorda lir-rikorrenti xi trattament privileggat" L-insenjament u l-argument migjub mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili huwa precizament applikabbli ghall-kaz odiern ghaliex il-fatt li r-rikorrent ghandu bizzejjed flus biex ihallas lill-escort jew prostituta kombinati mal-lifestyle ta' xalar li jghix huma ghazliet stravaganti li ghandu jirrispondi ghalihom hu stess u mhux l-esponenti jew aghar minn hekk - binthom stess. X'inhu l-privilegg li qed jippretendi r-rikorrent? Li ma jistax jghix b' €698.81- ghaliex irid ihallas il-manteniment? .- Bl-akbar rispett tali argument ma jregix ghaliex kif inghad tajjeb fil-kawza fl-ismijiet Dionisia sive Denise Crermona vs Anthony Cremona deciza fis-16 ta' Jannar 2014 rninn din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta fejn gie ritenut hekk: "Ma jistax jinghad l-istess pero' fuq id-dritt ta' manteniment ghall-ulied stante li dan huwa dritt fondamentoli tal-istess ulied u mhux tal-partiiiet u m'ghandu ebda ness mal-fatt li l-intimat huwa dizokkupat" u ziedet tghid ukoll li "Il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu ghall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impiieg jew mal-introjtu tal-genituri izda huwa obbligu assolut. Fil-kaz odjern, jidher li l-intimat m'ghandux impieg u dwar dan hemm prova dokumentarja kif spjegat aktar 'il fuq, pero` dan ma jfissirx li legalment l-intimat jista' jahrab mir-responsabbiltajiet tieghu versu wliedu li fil-frattemp iridu jghixu u jkomplu b'hajjithom" u kien proprju abbazi ta' tali ragunament li l-istess Onorabbli Qorti ghaddiet sabiex tillikwida rnanteniment ghal tali wild (minkejja d-dizokuppazzjoni tal-intimat) fl-ammont ta' €200 fix-xahar oltre nofs l-ispejjez relatati rnas-sahha u l-edukazzjoni tal-istess wild. Dan kollu qieghed jinghad sabiex isir argument kontra dak li qieghed jipprova jghid ir-rikorrent u cioe' li persuna li allegatantent b'introjtu ta' €698.81 m'hijiex f'posizzjoni li thallas il-manteniment ghall-minuri u li ghalhekk ghandu bzonn li tali mandat ta' sekwestru jigi revokat meta fil-verita' r-rikorrent qieghed ihallas precizament l-istess ammont bhal persuna li m'ghandha ebda introjtu ta' xejn ghaliex dizokkupat. Dan allura jxejjen l-argument tal-istess rikorrent ghaliex fil-prezent, li kieku wiehed kellu jemmen il-verzjoni tar-rikorrent u cioe' li dan hu l-uniku introjtu tieghu u li allura prezentement qisu persuna fuq il-paga minima, xorta wahda jibqa' l-obbligu li jhallas il-manteniment dovut u zgur li tali hlas ta' manteniment ma jistax jintuza bhala arma jew bazi sabiex tali mandat ma jibqax fis-sehh ghaliex fil-verita' anke persuni b'introjtu anqas ghandhom l-istess obbligi*

*ta' manteniment ahseb u ara r-rikorrent li qieghed jammetti li qed jircievi s-somrna ta' €698.81 u fuq tali ammont ghandu introjtu iehor mhux dikjarat;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fuq it-talba ta' hlas; ta' penali jew danni li qed jigu mitluba mir-rikorrent abbazi ta'allegat mandat eccessiv, fieragh u vessatorju, l-esponenti umilment tirrileva li fil-verita' hija mxiet b'kawtela fuq l-ammont sekwestrat u li tali ammont jirrapprezenta s-segwenti kif wara kollox tiddikjara l-esponenti stess; u fi kliemha stess permezz ta l-affidavit taghha esebit fl-Atti ta' Separazzjoni u cioe' :*

*"I'm also requesting this Honourable Court to liquidate in my favour €40,000 which represent my share that is half of the rents that were collected and pocketed only by Clinton during our marriage related to 'Bugsbunny' shop in Tarxien, Triq Temi Zammit until it closed down (€15,000) , the monthly payments that were paid to the Bank in relation to the bank loan for our matrimonial home and which is Clinton's property which was bought before marriage (€21,600) and the deduction by the Tax Department in relation to the private school that Kathy attend since she was three (3) years old and which he pocketed alone by Clinton as well. This is calculated till the date that I was authorized to leave the matrimonial home. Over and above this amount I am also claiming half of the furniture in the matrimonial home and which I am listing here as Doc. U" Tant hu hekk li l-istess rikorrent, ghalkemm jiddikjara li huwa eccessiv bl-ebda mod ma jaghti indikiazzjoni ta' kif hu eccessiv ghaliex fil-verita' mhux u m'ghandu ebda argurnent xi jressaq dwar dan. Certament ma jezistux l-elementi necessarji sabiex jigu mposti danni jew penalitajiet fuq l-esponenti li kienet kostretta li tintavola biex tissalvagwarda l-interessi taghha u tassigura li dak li hu verament dovut lilha jirnexxilha tirkuprah ghaliex altrimenti r-rikorrenti ser isib kull possibilita' biex jiskappriccaha minn dak li hu dovut lilha.*

*Illi ghalhekk dak li qed jipprova jaghmel ir-rikorrent permezz tar-rikors odjern hu li jtellef mill-effettivita' kollha u mill-iskop kollu ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju li minnu nnifsu qieghed hemm proprju sabiex jissalvagwardja l-pretensjonijiet tal-istess sekwestrant u sabiex jigi assigurat li d-debitur ma jahrabx mir-responsabbilitajiet tieghu relatati ma' hlas f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tordna tali hlas u jkun hemm konferma li tali pretensjoni hija verament dovuta. Dak li qed jipprova jaghmel l-istess rikorrent huwa li jgib il-pretensjoni tal-esponenti ineffettiva fil-prattika u f'posizzjoni fejn minkejja li jkollha titolu ghal ammont dovut lilha, ma tkunx tista' tezegwiha ghaliex kif inghad aktar 'il fuq, il-proprjeta' msemmija hija diga' ipotekata mal-Bank u ghalhekk l-esponenti, f'kaz li tali rikors jigi milqugh ser tkun skoperta ghal kollox - u dan certament mhux il-hsieb wara l-mandati ta'sekwestru kawtelatorji li minnhom innifishom huma intizi sabiex jikkawtellaw l-istess pretensjonijiet pendenti l-proceduri bejn il-partijiet.*

*Jidher car anke mill-qari tal-istess rikors (li qed jinsisti biss fuq ir-revoka tal-mandat fuq il-paga tieghu - naturalment ghaliex din biss tolqtu) li l-intenzjoni tar-rikorrent hija wahda u cioe' li ma jhalli ebda tracca tal-flus u l-introjtu tieghu kemm minhabba l-mandat odjern kif ukoll minhabba l-kawza ta' separazzjoni pendenti bejn il-partijiet. Dan hu evidenti wkoll mill-fatt li hekk kif bdew il-proceduri ta' separazzjoni u l-esponenti intavolat ukoll il-mandat odjern kumbinazzjoni rikorrent ghalaq il-hanut tieghu biex naturalment il-kirja nra tigix milquta mill-istess mandat - dan ghaliex sa' Frar 2017 l-istess imsemmi hanut kien ghadu miftuh u huwa ferm difficli li wiehed jemmen kif f'suq ta' kiri kif inhu prezentement is-suq, ir-rikorrent jaghzel li jaghlaq il-hanut meta lanqas biss kien qed jiggestih hu u allura kellu biss profit minnu. L-esponernti umilment tirrileva li r-raguni ghala ghalaq tali hanut li minnu nnifsu huwa ass tajjeb immens li jista' jgholli ferm l-introjtu tar-rikorrent ghal raguni wahda u cioe' dik li ma jkunx hemm prova tal-imsemmija kirja sabiex l-esponenti ma tiehux dak li hu sehemha bid-dritt mill-komunjoni tal-akkwisti u sabiex jibqa' jipprova jargumenta li m'ghandux introjtu taijeb bizzejjed biex ihallas manteniment adegwat ghall-minuri;*

*Illi ghalhekk minn dak suespost ghandu jirrizulta lil din l-Onorabbli Qorti li t-talbiet hekk kif dedotti fir-rikors odjern ma jregux u fuq kollox m'hemm ebda raguni valida fil-ligi sabiex ir-rikorrent jigi priveliggjat billi jigi revokat il-mandat odjern specjalment fuq il-paga ufficcjali tieghu ma' Bilom Tiles and Decor Limited ghaliex fil-verita' dan huwa l-uniku rnod ta' kif l-esponenti tista' tissalvagwarda l-interessi taghha u tippreserva d-drittijiet u l-pretensjonijiet taghha fil-kawza ta' separazzjoni bejn il-partijiet.*

*Tant ghandha x'tissottometti l-esponenti ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.*"

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat illi r-rikors gie differit ghal digriet in camera;

Ikkunsidrat;

Appena huwa necessarju jigi sottolineat illi fi proceduri bhal dawk odjerni il-kompitu tal-Qorti huwa li taghmel ezami prima facie u mhux konsiderazzjoni funditus tal-mertu tal-kwistjoni ta' bejn il-partijiet. Gie dikjarat: "....li mid-

disposizzjoni tal-istess **artikolu 836** jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' *prima facie*, u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza proprja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja." [**Camilleri vs Gove'** - Prim' Awla - 10 ta' Mejju 2001].

**<u>Revoka ai termini tal-Artikolu 836(1)(c) u (e)</u>**

Ir-rikorrent jitlob li l-Mandat ta' Sekwestru jigi revokat ghaliex jikkontendi li tezisti garanzija xierqa ohra ghall-pretensjonijiet tal-intimata, liema garanzija tikkonsisti fil-proprjeta` parafernali tieghu ossia l-appartament bin-numru 4, Kernice Flats, Triq Leonard Mahoney, Xghajra. Permezz ta' nota pprezentata fl-udjenza tas-7 ta' Marzu 2018, ir-rikorrent esebixxa kopja tar-rapport ta' perit *ex parte*[1] li minnu jirrizulta li dan il-fond ghandu valur fil-prezent ta' €180,000, in-nota tal-insinwa tal-akkwist ta' dan il-fond, kif ukoll ricerki li juru li l-imsemmi fond jinsab milqut b'ipoteka specjali u privilegg specjali a favur Bank of Valletta plc in garanzija tal-hlas ta' self bankarju fis-somma komplessiva ta' €98,596. Ir-rikorrent jghid illi llum il-bilanc dovut lill-Bank fuq dan is-self bankarju huwa ta' cirka €80,000.

Jirrizulta li l-intimata kkwantifikat il-pretensjoni taghha ghall-finijiet tal-Mandat ta' Sekwestru *de quo* fis-somma ta' €40,000 u fl-atti tal-istess Mandat hija ddikjarat li dan il-kreditu jirrapprezenta sehmha mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet liema pretensjoni giet dedotta in gudizzju separatament.

L-intimata tikkontendi fir-risposta taghha li r-rikorrent m'huwiex impedit li jbiegh jew altrimenti jittrasferixxi l-fond li skont hu, ghandu jservi biex jaghmel tajjeb ghall-pretensjoni taghha, u l-fatt li dan l-fond jinsab ipotekat favur il-Bank u mhux ukoll a favur taghha, ikompli jirrendi dan il-fond mhux siewi bhala garanzija mahsuba mil-ligi. Issostni ghalhekk illi t-talba taghha ghall-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru f'idejn is-sekwestratarji minnha indikati fl-istess Mandat, kienet gustifikata biex tikkawtela l-pretensjoni taghha.

Ikkunsidrat;

Is-subincizi (c) u (e) tal-Artikolu 836(1) tal-Kap. 12 jistipolaw illi mandat kawtelatorju jista' jigi revokat jekk jintwera:-

*(ċ) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew*

[1] Fol. 59 *et seq.*

*inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni; jew*

…omissis…

*(e) jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed;*"

Fir-rigward, il-Qorti fl-ewwel lok tosserva illi l-fatt li r-rikorrent huwa s-sid uniku tal-fond gewwa x-Xghajra li kien ukoll id-dar matrimonjali tal-partijiet, ma hux garanzija xierqa ghall-intimata stante li l-bilanc dovut lill-Bank fl-ammont ta' cirka €80,000 xorta huwa wiehed sostanzjali. Mehud in konsiderazzjoni li hemm dejjem il-possibilita' li tali proprjeta' tista' tispicca tinbiegh bis-subbasta sabiex jigi saldat id-dejn dovut il-bank, jaghmel il-proprjeta' de quo mhux idenea bhala garanzija sufficjenti ghall-pretensjoni tal-intimat indikata fil-mandat mertu ta' din il-procedura.

Ghalkemm waqt it-trattazzjoni tar-rikors quddiem il-Qorti, gie dikjarat mill-Avukat tar-rikorrent li r-rikorrent m'ghandux oggezzjoni li jiskrivi ipoteka a favur tal-intimata fuq il-fond tieghu ghall-valur tal-pretensjoni taghha, tali possibilita' ma tinnewtralizzax il-konsiderazzjonijiet appena maghmula.

Jinghad ukoll illi l-argument tar-rikorrent in kwantu msejjes fuq l-allegazzjoni illi l-kreditu pretiz mill-intimata tikkonsisti biss f'sehemha mill-valur ta' ftit ghamara u vettura wahda li diga` tinsab fil-pussess taghha, m'huwiex f'loku stante li din il-pretensjoni tifforma parti mill-mertu ta' kawza li ghadha pendenti bejn il-partijiet u ma tistax ghalhekk isservi ta' sostenn ghal dak li qed jitlob ir-rikorrent permezz tar-rikors odjern. F'kull kaz, ma ntwera bl-ebda mod illi l-pretensjoni tal-intimata kif kawtelata b'dan il-Mandat huwa eccessiv u l-Qorti tosserva wkoll li r-rikorrent lanqas sejjes it-talba tieghu ghar-revoka tal-Mandat fuq id-disposizizzjonijiet tas-subinciz (d) tal-Artikolu 836(1).

Illi jigi osservat ukoll li, kif jinsab ritenut, il-piz tal-prova li jezisti gid iehor li jista' jaghmel tajjeb ghall-pretensjonijiet tas-sekwestrant jispetta biss fuq min jallegah u f'kull kaz, il-garanzija "xierqa" jehtieg li tkun wahda soda, cara u facilment realizzabbli minn min jitlob il-hrug tal-mandat[2]. In propositu, jirrizulta mir-ricerki esebiti mir-rikorrent illi huwa wkoll is-sid uniku ta' fond gia` bl-isem ta' Etienne Store, gewwa Sir Temi Zammit Street, Zejtun, li huwa kien xtara fl-1997 ghall-prezz ta' Lm5,000. Madanakollu, l-Qorti tosserva li ghalkemm ma jidhrix li dan il-fond huwa milqut b'ipoteka specjali jew privilegg specjali, il-Bank fuq imsemmi irregistra wkoll kontra r-rikorrent, bhala garanzija addizzjonali ghall-hlas tas-self bankarju ghall-akkwist tal-fond gewwa x-Xghajra, ipoteka

[2] **Ranger Company Ltd. v. Euro Imports Limited**, deciza mill-Prim'Awla fl-20 ta' Frar 2003.

generali fuq il-beni kollha tieghu ghall-imsemmi ammont ta' €98,596. Barra minn hekk, billi ma jirrizultax illi r-rikorrent gab prova tal-valur ta' dan il-fond, il-Qorti tqis li l-fatt li r-rikorrent wera li ghandu proprjeta` ta' valur li jista' jeccedi dak pretiz mill-intimata, ma jistax iservi bhala garanzija xierqa in mankanza ta' prova dwar il-valur ta' dik il-proprjeta` maghdud ukoll il-fatt li din il-proprjeta` tinsab milquta minn pizijiet registrati a favur terzi.

Huwa minnu illi jinsabu disponibbli skont il-ligi ghamliet ohrajn ta' mandati kawtelatorji li l-intimata setghet tipprokura in kawtela tal-pretensjoni taghha. Izda l-Qorti tqis illi sakemm id-dritt ghall-hrug tal-Mandat ikun gie ezercitat fil-limiti permissibbli mil-ligi u ma jintweriex illi l-kreditur ikun mexa b'mod abbuziv u in malafede, il-kreditur ghandu l-prerogattiv li jaghzel huwa stess l-ghamla tal-att kawtelatorju li jidher li huwa l-iktar idoneu ghall-kawtela tal-kreditu tieghu. Il-ligi tipprovdi ghall-impozizzjoni tad-danni u penali kontra l-kreditur li jimxi kapriccozament u b'abbuz tad-drittijiet tieghu. F'dan il-kaz odjern, ma ntweriex illi l-intimata mxiet abbuzivament fil-hrug tal-Mandat ta' Sekewstru *de quo*.

Ghaldaqstant f'dan l-istadju il-Qorti m'hijiex sodisfatta li l-kreditu pretiz mill-intimata jista' jkun sufficjentement kawtelat bil-fatt *ut sic* li r-rikorrent ghandu proprjeta` parafernali, u hija tal-fehma li fic-cirkostanzi ma jezistux ir-rekwiziti kontemplati fil-paragrafi fuq indikati sabiex il-proprjeta` tar-rikorrenti titqies bhala garanzija tajba u xierqa li tiggustifika r-revoka *in toto* jew in parte tal-Mandat a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artiklu 836(1)(c) u (e).

**<u>Id-Dhul tar-Rikorrent</u>**

Ir-rikorrent jikkontendi li l-Mandat ta' Sekwestru *de quo* gie intavolat mill-intimat b'mod vessatorju ghaliex giet indikata bhala sekwestratarju tal-Mandat, il-kumpanija li timpjegah, Bilom Tiles and Décor Limited. L-allegazzjoni tieghu li martu agixxiet vessatorjament tinsab imsejsa fuq id-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 381 tal-Kapitolu 12** li, skont ir-rikorrent, tipprojibixxi l-hrug ta' mandat ta' sekwestru fuq salarju jew paga, inkluz bonuses, allowances u overtime.

Ir-rikorrent talab li f'kaz li ma tigix milqugha t-talba tieghu ghar-revoka totali tal-Mandat ai termini tas-subincizi (c) u (e) tal-Artikolu 836(1) tal-Kap. 12, il-Mandat ghandu jigi revokat limitatament fir-rigward tad-dhul tieghu mill-impieg mal-imsemmija kumpanija.

L-intimata opponiet din it-talba billi ghamlet referenza ghall-**Artikolu 382(1) tal-Kapitolu 12** u sostniet li l-Mandat *de quo* inhareg in konformita` mal-ligi. Hija tiggustifika l-hrug tal-Mandat *de quo* fuq il-paga tar-rikorrent minhabba l-fatt illi ma rnexxilhiex tissekwestra flejjes ohra appartenenti lir-rikorrent wara li nehha l-

flus kollha tieghu mill-kontijiet bankarji kif ukoll waqqaf il-kirja tal-hanut tieghu biex il-kera ma tinqabadx mis-sekwestru.

Ikkunsidrat;

Illi **Artikolu 381 tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:-

**381.** *(1) Ma jistgħux jinħarġu mandati ta' sekwestru fuq:-*

*(a) salarju jew paga (magħdudin il-bonus, allowances, overtime u ħlasijiet oħra);*

*(b) benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna msemmija fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali jew pensjoni jew allowance oħra ta' persuna li tinħarġilha pensjoni mingħand il-Gvern; ...*

Izda, skont l-**Artikolu 382**:-

*(1) Fil-każ ta' salarju, paga, benefiċċju, pensjoni jew allowance imsemmija fl-artikoli 381(1)(a) u (b), ħlief għal kull benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna msemmija fl-Att dwar is-Sigurta Soċjali, meta dawk jeċċedu sitt mija u tmienja u disgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€698.81) fix-xahar jew dik is-somma li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' minn żmien għal żmien b'ordni jistabbilixxi, il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru jkun jgħodd fuq dik il-parti li teċċedi l-ammont imsemmi qabel ..."*

Il-Qorti tosserva illi filwaqt li r-rikorrenti jsejjes it-talba tieghu ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru *de quo* in kwantu jolqot is-salarju tieghu, fuq ir-regola generali enuncjata bl-Artikolu 381 li ma jistax jinhareg Mandat ta' Sekwestru fuq is-salarju jew il-paga ta' persuna, fl-istess hin jinjora dak dispost bl-Artikolu 382(1) fuq citat.

Il-Qorti tosserva wkoll illi kien nuqqas tas-sekwestranti illi fir-rikors taghha tat-13 ta' Marzu 2017 ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ma ndikatx, fir-rigward tas-socjeta' sekwestratarja Bilom Tiles & Decor Ltd, illi mis-salarju ma kellux jigi sekwestrat l-ewwel €698.81 fix-xahar. Bhala fatt jirrizulta li s-socjeta' imsemmija qeghda mensilment tghaddi lir-rikorrent is-somma imsemmija ta' €698.81 filwaqt li l-bilanc mis-salarju tiddepozitah.

Il-Qorti tqis li l-pretensjoni tas-sekwestranti li tissekwestra s-salarju kollu tas-sekwetrat tmur kontra dak dispost bl-Artikolu 382. Il-fatt li l-kumpanija sekwestratarja qeghda tghaddi mensilment lis-sekwestrat is-somma ta' €698.81 mis-salarju mensili tieghu nonostante l-mandat lilha notifikat, ma jnaqqas xejn

mill-htiega li l-Qorti tipprovdi illi mhux is-salarju kollu ghandu jigi kolpit bis-sekwestru.

**Talba ai termini tal-Artikolu 382(1)**

Illi in linea sussidjarja, ir-rikorrent isejjes it-talba tieghu ghar-revoka tal-Mandat fuq is-salarju tieghu, billi jikkontendi wkoll li ma jistax jghaddi b'paga mnaqqsa fis-somma ta' €698.81 fix-xahar u jehtieg is-salarju kollu tieghu. Isostni li apparti li jrid jghajjex lilu nnifsu, huwa jikkontribwixxi manteniment ta' bint il-minuri tal-partijiet u jhallas ukoll ir-ripagamenti mensili tas-self bankarju fuq il-fond parafernali tieghu kif ukoll ripagamenti ta' self iehor u insurances. Ir-rikorrent jitlob it-thassir tal-Mandat ta' Sekwestru fuq l-eccess tas-salarju tieghu ai termini tal-proviso ghall-imsemmi Artikolu 382(1), li jipprovdi hekk:-

*"Iżda jekk id-debitur jagħmel rikors li fih juri għas-sodisfazzjon tal-qorti li huwa jkollu bżonn dak l-eċċess jew parti minnu għall-manteniment tiegħu jew għall-manteniment tal-familja tiegħu, il-qorti għandha tħassar il-mandat ta' sekwestru dwar dak l-eċċess jew dik il-parti minnu, u wara hekk l-imsemmi mandat għandu jitqies li jkun u li kien mingħajr effett safejn ikun ġie revokat ..."*

L-intimata fissret l-opposizzjoni taghha ghal din it-talba billi sostniet li r-rikorrent ghandu impieg iehor mhux ufficjali bhala *bouncer* fuq bazi *part-time*, liema paga m'hijiex kolpita bil-Mandat ta' Sekwestru, oltre li r-rikorrent jippercepixxi wkoll dhul mill-kirja tal-fond kummercjali li ghandu gewwa x-Xgharja, liema hanut kien mikri lil terzi ghal diversi snin. Tfisser ukoll kif il-hrug tal-Mandat *de quo* f'idejn l-kumpanija li timpjega lir-rikorrent huwa gustifikat ukoll bil-fatt illi kif appena ottjeniet il-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru *de quo* f'idejn l-inkwilin tal-istess hanut, ir-rikorrent ittermina l-kirja, u nehha wkoll kull ammont li seta' kellu mill-kontijiet bankarji, bir-rizultat li l-uniku mezz li ghandha biex tikkawtela l-kreditu taghha huwa mis-salarju ufficjali tar-rikorrent.

L-intimata fissret ukoll illi kieku r-rikorrent verament ghandu bzonn l-eccess tas-salarju ufficjali tieghu biex jghajjex lilu nnifsu u jlahhaq mal-ispejjez u impenji li jghid li ghandu, kien jaghmel xi tentattiv li jerga' jikri l-hanut tieghu biex jissupplimenta l-introjtu tieghu u zgur ma kienx ihallas flus ghal kapricci fosthom hlasijiet ghal servizzi ta' *escorts* u prostituti. F'dan ir-rigward, l-intimata esebiet kopja ta' messaggi mibghuta allegatament mir-rikorrent in konnessjoni ma' hlasijiet ghal dawn is-servizzi, immarkata bhala Dok. A.

L-intimata ssostni wkoll li l-fatt illi r-rikorrent ihallas manteniment ghal binthom minuri m'hijiex raguni valida biex jikseb ir-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru in kwantu jolqot is-salarju tieghu.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tosserva illi jirrizulta prima facie li skond il-verzjoni tar-rikorrent il-kirja lil terzi tal-hanut tar-rikorrent gewwa z-Zejtun giet terminata fiz-zmien prossimu ghal meta l-Mandat ta' Sekwestru *de quo* gie notifikat f'idejn l-inkwilina tal-istess hanut. Il-verzjoni tar-rikorrent f'dan ir-rigward ma hi xejn attendibbli in kwantu jirrizulta prima facie mir-ricevuta (ezebita bhala Dok. B mar-risposta tal-intimata) mahruga mill-hanut imsemmi, li dan l-istess hanut kien ghadu jopera sa Frar 2018, u cioe' xahrejn wara li gie ntavolat ir-rikors in dizamina. Il-verzjoni tar-rikorrent li l-hanut ma baqax jopera minn Ottubru 2017 bil-konsegwenza ta' terminazzjoni tal-kirja ma hiex qed tigi accettata.

Fix-xiehda tieghu r-rikorrent iddikjara li jhallas is-somma ta' €500 fix-xahar ripagament tas-self bankarju tal-fond tax-Xghajra u semma wkoll li jhallas is-somma ta' €100 fix-xahar fuq is-self ghax-xiri tal-vettura tal-intimata u xi ammonti ohrajn. Ma jirrizultax li dan huwa kontestat mill-intimata. Dak allegat mir-rikorrent huwa verosimili in kwantu jirrizulta illi huwa ottjena self bankarju fl-ammont ta' €98,596 ghall-akkwist tal-fond tieghu fix-Xghajra fl-2010.

Ir-rikorrent ma cahadx fix-xiehda tieghu l-allegazzjoni li ghamlet martu fir-risposta taghha li huwa ghandu introjtu ulterjuri diehel minn sors iehor, cioe` impieg *part-time*. Ma jirrizultax pero' mill-atti x'inhu d-dhul tar-rikorrent minn dan l-impjieg.

Ir-rikorrent isejjes it-talba tieghu ghar-revoka in toto jew parzjali tal-mandat de quo fuq il-pretest li huwa obbligat ihallas manteniment ghall-minuri wild tal-partijiet fis-somma ta' €350 fix-xahar. Filwaqt li l-Qorti hija tal-fehma illi in linea generali ma hux sufficjenti l-ezistenza ta' obbligu ta' hlas ta' manteniment sabiex mandat ta' sekwestru kawtelatorju fuq salarju jigi revokat kompletament; fl-istess hin il-quantum ta' manteniment pagabbli ghandu rilevanza fejn it-talba tirrigwarda talba ghar-revoka ta' mandat ta' sekwestru li jissekwestra parti mill-paga tas-sekwestrat.

Illi fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti, filwaqt thoss li r-rikorrent ma pprovax b'mod sodisfacjenti li jezistu l-estremi kontemplati mil-ligi biex tintlaqa' t-talba tieghu ghar-revoka totali tal-Mandat ta' Sekwestru de quo minn fuq is-salarju tieghu, fl-istess hin hija daqstant iehor tal-fehma li r-rikorrent jehtieglu jippercepixxi aktar mill-ammont ta' €698.81 fix-xahar sabiex imantni lilu nnifsu u fl-istess hin ihallas il-manteniment ta' €350 fix-xahar ghall-minuri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tiddeciedi illi l-ammont mhux sekwestrabbli mill-paga tar-rikorrenti ghandu jkun ta’ €850 fix-xahar minflok ta’ €698.81.

B’hekk il-Qorti qeghda tilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti billi tiddikjara illi mis-salarju mensili tal-intimat mhiex sekwestrabbli is-somma ta' €850 u mhux is-somma ta' €698.81 fix-xahar imsemmija fl-ewwel parti ta’ l-Artikolu 382(1) tal-Kap. 12, b’dan li l-istess Mandat ta’ Sekwestru ghandu jibqa’ effettiv ghal kull introjtu mill-paga tar-rikorrenti li teccedi l-ammont nett ta’ paga ta’ €850 fix-xahar, u dan b’effett millum.

**<u>Talba ghall-Hlas ta’ Danni u Penali</u>**

Ir-rikorrent jitlob li l-intimata tigi kkundannata thallas danni u penali a tenur tal-**Artikolu 836 (8) u (9)** ghaliex jikkontendi li fit-talba taghha ghall-hrug tal-Mandat ta’ Sekwestru *de quo,* l-intimata mxiet b’imprudenza, negligenza u minghajr il-hsieb ta’ *bonus pater familias,* partikolarment meta indikat lill-principal tieghu bhala wiehed mis-sekwestratarji. Jghid ukoll li l-mandat huwa wiehed eccessiv, frivolu u vessatorju.

L-intimata tilqa' ghal din it-talba billi tikkontendi li kienet gustifikata titlob il-hrug tal-Mandat *de quo* fuq il-paga tar-rikorrent peress li ma rnexxilhiex tissekwestra flejjes ohra appartenenti lir-rikorrent ghaliex tallega li r-rikorrent nehha l-flus kollha tieghu mill-kontijiet bankarji kif ukoll waqqaf il-kirja tal-hanut tieghu biex il-kera ma tinqabadx mis-sekwestru. Fissret ulterjorment li l-Mandat m’huwiex eccessiv u in sostenn ta’ dan ghaddiet biex tikkwantifika, fir-risposta taghha, is-somma minnha pretiza anke billi ressqet provi dokumentarji fir-rigward.

Ikkunsidrat;

L-Artikolu 836 (8) jipprovdi ghall-impozizzjoni ta’ penali ta’ mhux inqas minn €1,164.69 u mhux izjed minn €6,988.12, li jmur ghand il-persuna li kontriha jkun inhareġ l-att kawtelatorju, fosthom fil-kaz li t-talba tal-kreditur ghall-hrug tal-Mandat tkun wahda li ssir b’malizzja, tkun frivola jew vessatorja.

In materja ta’ danni, l-**Artikolu 836 (9)** jipprovdi hekk:-

“*(9) Fil-każijiet li jaqgħu taħt is-subartikolu ta’ qabel dan, il-qorti tista’, meta jsirilha rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, tikkundanna lir-rikorrent li fuq talba tiegħu jkun inħareġ il-mandat kawtelatorju sabiex iħallas dawk id-danni lil dik il-persuna li hija setgħet ġarrbet bil-ħruġ tal-mandat, u f’kawżi bħal dawk il-qorti għandha tara u tuża l-iskritturi tal-proċedimenti tal-att kawtelatorju u ta’ kull proċediment ieħor li joħroġ jew*

*jitnissel minnu, u dawk l-iskritturi għandhom jitqiesu bħala prova ammissibbli għall-finijiet ta' din l-azzjoni.*"

Ikkunsidrat;

L-impozizzjoni tal-penali ai termini tal-Artikolu 836 (8) hija sanzjoni marbuta mal-abbuz fil-hrug tal-mandati kawtelatorji. Inoltre, irid jintwera ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mil-ligi biex tali sanzjoni tigi imposta. Huma erbgha dawn ic-cirkostanzi u, galadarba huma sanzjonijiet punittiva, ghandhom jitqiesu strettament bhala tassattivi[3]. In materja jinsab ritenut illi:-

*"Generalment, l-abbuz mill-procedura gudizzjarja jitqies biss f'kazijiet eccezzjonali li, x'aktarx, jintrabtu mal-qerq tal-persuna li tkun irrikorriet ghaliha jew mal-frugha tal-pretensjoni nfisha. Fejn ikun hemm element ta' agir fieragh fi procedura gudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuz tal-process gudizzjarju.*"[4]

Ikkunsidrat;

Illi l-Qorti tosserva li diga` gie eskluz illi l-intimata, fil-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru, agixxiet vessatorjament jew b'abbuz tad-drittijiet taghha. Ir-rikorrent ma rnexxilux juri li martu kienet in malafede jew li mxiet b'mod malizzjuz. Gia' gie deciz supra li ma jirrizultawx l-estremi ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru..

Kif jinsab ritenut ukoll:-

*"... l-Qorti hija tenuta li timponi penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li il-ligi tezigi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss taghzel li ma timponix il-penali mahsuba fl-Artikolu 836(8) f'kazijiet estremi fejn is-sens ta' gustizzja hekk kien jimponiha. Il-penali mahsuba fl-imsemmi Artikolu 836(8) tal-Kap. 12 hija wahda ta' ordni pubbliku immirata li tizgura serjeta` fil-process gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuza' b'abbuz." (Vide Appell Civili Joseph Rapa vs Raymond Sammut deciz fit-13 ta' Marzu 2001 , Prim Awla (RCP) Joseph Borg proprio et nomine vs Joseph Pace deciz fil-17 ta' Gunju 2010, u Prim Awla (JRM) Carmel Farrugia et vs Charmaine Farrugia pro et noe deciz fit-2 t'Awwissu 2012)."*[5]

---

[3] **Farrugia v. C & F Building Contractors Limited** – Prim'Awla [JRM][ 14 ta' Awwissu 2014]
[4] **Paul Attard noe. v. Loreto Abela –** Prim'Awla [JRM][25 ta' Mejju 2005].
[5] Citata f'**Anna Maria Abdilla vs Marco Abdilla**, deciza mill-Prim'Awla [JPG] [23 ta' Jannar 2013].

Ghal dawn il-motivi it-talba tar-rikorrent ghall-kundanna tal-hlas ta' penali qed tigi rigettata.  Ghall-istess ragunijiet it-talba ghall-hlas tad-danni qed tigi michuda.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi r-rikors ta' Clinton Gatt ipprezentat fit-28 ta’ Dicembru 2017 billi tilqghu parzjalment ghar-ragunijiet fuq moghtija u b'applikazzjoni tal-Artikolu 382 (1) tal-Kap. 12, tordna li b’effett millum l-ammont mis-salarju tar-rikorrent mhux sekwestrabbli qed  jigi awmentat minn €698.81 fix-xahar ghal €850 fix-xahar; filwaqt li tichdu fil-kumplament.

Tordna li kopja legali ta’ dan id-digriet ghandha tigi notifikata lill-kumpanija Bilom Tiles and Décor Limited, u dan a kariku tar-rikorrent.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef**

**Moghti kameralment illum 5 ta' April 2018**